

## POSTIJET TAX-XOGĦOL SIGURI U LI JĠIBU 'L QUDDIEM IS-SAĦĦA FL-EWROPA – FEJN NINSABU FL-2023?



© Gordenkoff / Adobe Stock

Leġiżlazzjoni u politiki b'saħħithom dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) jistgħu jnaqqsu l-ħsara evitabbli għall-individwi u għas-soċjetà.<sup>1</sup> Minkejja l-progress fl-OSH fl-Istati Membri tal-UE matul dawn l-aħħar tliet deċennji, xi oqsma għadhom jirrikjedu titjib. Ir-rata li qed tonqos ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol hija kkompensata miż-żieda ta' fatturi ta' stress psikosoċjali u emozzjonali li jaffettwaw il-benesseri tal-ħaddiema, filwaqt li r-riskji fiżiċi u l-piż ergonomiku jibqgħu fuq livell għoli u stabbli. Barra minn hekk, l-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol, il-bidla tas-setturi u l-bidliet fil-forza tax-xogħol, kif ukoll il-globalizzazzjoni jitolbu miżuri tal-OSH usa' u aktar komprehensivi.

Din in-nota ta' politika tiġbor fil-qosor is-sejbiet ewlenin tar-rapport **Is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fl-Ewropa: l-istat u x-xejriet fl-2023**<sup>2</sup> li jeżamina diversi indikaturi, xejriet u żviluppi kurrentwali fil-qasam.

---

**Tnaqqis ta' 58 % fir-rata ta' inċidenza ta' aċċidenti mhux fatali fuq il-post tax-xogħol mill-1998 sal-2019.**

---

### Titjib u żviluppi

Inkisbu avvanzi sinifikanti f'diversi oqsma ewlenin tal-OSH, inklużi l-leġiżlazzjoni, il-gwida, l-istruzzjoni, l-iżvilupp, u l-użu ta' għodod ta' appoġġ diġitali u sistemi ta' ġestjoni. Kien hemm ukoll sensibilizzazzjoni akbar dwar ir-riskji speċifiċi għal ċerti gruppi, ir-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali. Sar ukoll progress tekniku u organizzattiv f'oqsma bħall-koordinazzjoni tas-sigurtà u s-sistemi ta' twissija, it-teknoloġija biex jitnaqqsu r-riskji fiżiċi bħall-istorbju u t-trab, l-immaniġġjar ta' sustanzi kimiċi perikolużi, it-trattament mediku, l-inċentivi finanzjarji u l-obbligi tal-assigurazzjoni.


<sup>1</sup> Aktar minn 3,000 aċċident fatali fuq il-post tax-xogħol, aktar minn 230,000 aċċident serju fuq il-post tax-xogħol, u madwar 180,000 mewta minn mard relatat max-xogħol jiġu rreġistrati kull sena fl-UE.

<sup>2</sup> EU-OSHA – L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fl-Ewropa: l-istat u x-xejriet fl-2023. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/occupational-safety-and-health-europe-state-and-trends-2023>

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali għaddiet minn modernizzazzjoni sostanzjali minn nofs is-snin tmenin, u stabbiliet qafas għall-ġestjoni tar-riskji tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali. Il-leġiżlazzjoni, li dwarha ntlaħaq qbil mill-Istati Membri, il-gvernijiet u s-sħab soċjali, hija komprensiva.

L-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, inklużi inċidenti fatali u mhux fatali fuq il-post tax-xogħol u relatati max-xogħol jew matul l-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura, jibqgħu l-indikatur ewlieni għar-riżultati tal-OSH kemm fil-politika pubblika kif ukoll fil-perċezzjonijiet ġenerali. Mill-1998 sal-2019, ir-rata ta' aċċidenti mhux fatali waqt ix-xogħol naqset bi 58 % fil-livell tal-UE, bir-rata ta' aċċidenti fatali tonqos b'57 % matul l-istess perjodu. It-titjib fil-prevenzjoni organizzattiva, teknika u medika, flimkien mal-iżviluppi ekonomiċi<sup>3</sup> u l-bidliet fil-forza tax-xogħol, kienu r-raġunijiet ewlenin għal dan it-tnaqqis. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni lil aċċidenti serji mhux fatali peress li dawn jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-piż uman u finanzjarju.<sup>4</sup>

**L-iżvilupp tan-numru totali ta' aċċidenti mhux fatali fuq il-post tax-xogħol u r-rati ta' inċidenza (aċċidenti għal kull 100,000 ħaddiem), fl-1998 u l-2019 – Eurostat<sup>5</sup>**



<sup>3</sup> Fl-erba' setturi ewlenin tal-agrikoltura, il-manifattura, il-kostruzzjoni u t-trasport li impjegaw ftit inqas minn 40 % tal-forza tax-xogħol (fl-1998 u fl-2019), u b'hekk jikkostitwixxu l-indikatur ewlenin.

<sup>4</sup> Fl-2019, 232,892 aċċident tax-xogħol irriżultaw f'assenza ta' aktar minn tliet xhur jew ikkawżaw diżabilità permanenti, meta mqabbla ma' 3,008 aċċidenti fatali.

<sup>5</sup> Data għall-1998: Statistics in focus, Theme 3-16/2001: [Eurostat: Accidents at work in the EU 1998-1999](#). Data għall-2019: [Eurostat: Accidents at work by sex and severity \(NACE Rev. 2 activity Total\)](#); [Non-fatal accidents at work by NACE Rev. 2 activity and sex](#)

**Mard okkupazzjonali rikonoxxut uffiċjalment** bħala indikaturi għar-**riżultati fil-qasam tas-saħħa** (imwiet u mard) ikkawżati minn esponiment fuq il-post tax-xogħol juru xejra 'l isfel simili. Il-miżuri preventivi tekniċi u ċ-ċaqliq tal-forza tax-xogħol għal setturi b'inqas esponimenti “tradizzjonali” kkontribwew għal dan it-tnaqqis.<sup>6</sup>

Matul dawn l-aħħar 15-il sena, l-**istruttura tal-forza tax-xogħol** inbidlet b'mod sinifikanti. B'perċentwal dejjem jikber ta' ħaddiema nisa fl-impjeg, li żdied minn 61.2 % fl-2005 għal 67.9 % fl-2019, u sehem dejjem akbar ta' ħaddiema akbar fl-età,<sup>7</sup> adattamenti organizzattivi u tekniċi kienu meħtieġa u importanti. L-istatistika tafterma wkoll **forza tax-xogħol aktar internazzjonali**, b'madwar 12 % tal-forza tax-xogħol tal-UE magħmula minn gruppi differenti ta' ħaddiema mobbli extra-UE u intra-UE, li jammontaw għal madwar 23 miljun individwu. Il-parti l-kbira tal-impjegji evolwew biex jirrikjedu **ħiliet u edukazzjoni għolja**, bis-sehem ta' professjonijiet li jeħtieġu edukazzjoni terzjarja jikber minn 24.9 % għal 36.4 % bejn l-2005 u l-2020.

**Aktar sforzi globali** lejn OSH aħjar huma appoġġati minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Sigurtà Soċjali, in-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni Internazzjonali dwar is-Saħħa Okkupazzjonali u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ispjazzjoni tax-Xogħol, li jiżviluppaw mhux biss objettivi ġenerali u għodod ta' osservazzjoni komuni iżda wkoll azzjonijiet biex itejbu s-sitwazzjoni fuq skala globali b'mod prattiku. Il-kunsiderazzjonijiet etiċi fil-ktajjen tal-provvista internazzjonali wasslu għall-adozzjoni volontarja ta' oqfsa mtejba mill-intrapriżi kif ukoll mill-NGOs.

*Il-proporzjon ta' okkupazzjonijiet li jeħtieġu edukazzjoni terzjarja  
żdied minn 24.9 % għal 36.4 % bejn l-2005 u l-2020.*

## Oqasma ta' staġnar

Hemm oqasma fejn id-*data* tissuġġerixxi nuqqas ta' progress. **Ir-riskji tradizzjonali tal-OSH** bħall-aċċidenti, l-istorbju, il-vibrazzjonijiet, it-trab, l-aġenti kimiċi u bijoloġiċi, u t-temperaturi estremi jkomplu joħolqu theddida sinifikanti, peress li l-proporzjon ta' ħaddiema esposti għalihom baqa' l-istess mill-2005.<sup>8</sup>

Kien hemm ukoll nuqqas ta' progress **fl-implimentazzjoni u fl-infurzar** tal-leġiżlazzjoni relatata, b'kapaċitajiet differenti tal-infrastruttura tal-OSH fil-livell nazzjonali fost l-Istati Membri tal-UE. Bħala medja, saru żewġ miljun żjara fis-sena mill-ispettorati tax-xogħol, f'madwar 22 miljun negozju fl-UE, fid-deċennju 2010–2020, bi tnaqqis stabbli matul is-snin.<sup>9</sup> L-iżgurar tal-konformità mal-qafas legali tal-OSH kif ukoll il-monitoraġġ tiegħu statistikament huma kkomplicati aktar biż-żieda fis-sehem tat-tipi ta' **xogħol “mhux standard”** (xogħol part-time, xogħol temporanju, xogħol staġunali, impjeg indipendenti, xogħol mid-dar, xogħol mill-bogħod). Karatteristika ewlenija ta' għadd ta' dawn it-tipi ta' impjegji hija **relazzjoni inqas ċara bejn l-impjegatur u l-ħaddiem**.<sup>10</sup> Peress li x-xogħol **ma jseħx fil-bini tal-impjegatur** f'xi wħud minn dawk il-każijiet, tali postijiet tax-xogħol mhux standard spiss ma jkollhomx faċilitajiet bażiċi tal-OSH u għajnuna jew għodod diġitali xierqa.

Id-*data* tiżvela wkoll li ħafna intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar (MSEs) u dawk li jaħdmu għal rashom, spiss ikollhom **diffikultajiet biex jikkonformaw mal-kompiti aktar kumplessi ta' prevenzjoni tar-riskji** (eż. fir-rigward tar-riskji psikosoċjali, kimiċi, bijoloġiċi, ottiċi, elettromanjetiċi) minħabba nuqqas ta' riżorsi, kompetenza esperta u sensibilizzazzjoni.<sup>11</sup> Xi Stati Membri tal-UE stabbilew objettivi espliċiti biex jilħqu l-MSEs

<sup>6</sup> Eurostat: [Experimental European Occupational Diseases Statistics](#) u [Eurostat: Occupational diseases statistics](#)

<sup>7</sup> Minn 11.1 % fl-2005 għal 18.4 % fl-2021.

<sup>8</sup> Skont l-okkupazzjoni u s-settur, bejn 15 % u 30 % tal-ħaddiema huma esposti għal riskji bħal dawn (EWCS). [Viżwalizzazzjoni tad-Data EU-OSHA – ESENER](#), Tqabbil bejn l-2014 u l-2019.

<sup>9</sup> ETUC. (2021, April 28). *Huge fall in labour inspections raises Covid risk*. Disponibbli fuq: <https://www.etuc.org/en/pressrelease/huge-fall-labour-inspections-raises-covid-risk>

<sup>10</sup> Fl-2019, madwar 77 % ħadmu fil-bini tal-impjegatur, 5 % mid-dar, 9 % fil-bini tal-klijenti u 8 % f'postijiet tax-xogħol mhux fissi. Bil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, is-sehem tax-xogħol mid-dar żdied b'aktar mid-doppju; fl-EU-27 żdied minn 5.4 % fl-2019 għal 13.4 % fl-2021. [Eurostat: Employed persons working from home as a percentage of the total employment, by sex, age and professional status \(%\)](#)

<sup>11</sup> EU-OSHA – Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, *Third European Survey of Enterprises on New and Emerging Risks (ESENER 2019): Overview Report How European workplaces manage safety and health, 2022* (Ch. 5 “Drivers of and barriers to OSH Management”, p. 64-81). Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/esener-2019-overview-report-how-european-workplaces-manage-safety-and-health>

u l-persuni li jaħdmu għal rashom li ta' spiss jippreżentaw sfidi kbar lill-awtoritajiet tal-infurzar f'termini ta' superviżjoni.

Il-**bidla fil-forza tax-xogħol** hija evidenti wkoll fil-livell settorjali u fl-impjeggi. Is-sehem tax-xogħol f'impjeggi **amministrattivi** (klerikali, professjonali, maniġerjali, eċċ.) **kif ukoll f'impjeggi orjentati lejn il-klijent u komunikattivi** żdied.<sup>12</sup> Dan l-iżvilupp irriżulta f'bidla tar-riskji għal **sfidi psikosoċjali u emozzjonali**, ta' spiss akkumpanjati minn **attività fiżika aktar baxxa**. Tliet aspetti ewlenin f'ċerti setturi — “Klijenti diffiċli”, “Komunikazzjoni ħażina” u “Sigħat tax-xogħol twal” — joħolqu piżijiet psikosoċjali mifruxa.<sup>13</sup> Flimkien ma' perjodi estiżi bilqiegħda, dawn l-isfidi ċaqilqu gradwalment iżda b'mod sinifikanti l-enfasi minn riskji għas-sigurtà għal riskji għas-saħħa.

### *Is-sehem dejjem jikber ta' tipi ta' xogħol “mhux standard” jagħmel ir-relazzjoni bejn*

### *I-impjegatur u l-ħaddiem inqas ċara u joħloq sfidi għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-OSH.*

**Ir-riskji ergonomiċi klassiċi** għadhom ta' tħassib prevalenti għall-OSH, u ma juru l-ebda titjib sinifikanti matul is-snin. Bejn 40 % u 75 % tal-ħaddiema fl-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER) u fl-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS) jirrapportaw esponiment għal riskji bħal dawn bħala parti mill-okkupazzjoni tagħhom (movimenti ripetittivi tal-idejn/tad-driegħ, pożizzjonijiet ta' għeja u ta' uġiġħ, moviment ta' tagħbijiet tax-xogħol tqal, eċċ.).

Minkejja diversi sforzi ta' riċerka, li f'xi wħud minnhom kienet involuta l-EU-OSHA, li jiġi stmat l-impatt tal-mard relatat max-xogħol, inkluż il-piż finanzjarju tagħhom, **ir-relazzjoni bejn ix-xogħol u l-mard ewlieni** fil-popolazzjoni adulta (mard kardjovaskulari, kanċer, disturbi muskuloskeletalni, mard pulmonari, telf ta' smiġħ) jibqa' s-suġġett ta' dibattitu xjentifiku intensiv. Il-**frazzjoni attribwibbli tax-xogħol għall-mard** tibqa' kontroversjali, għalkemm fi gradi differenti skont ir-relazzjoni li tkun qed tiġi eżaminata.<sup>14</sup> Madankollu, hemm rabta ċara bejn il-**kundizzjonijiet tax-xogħol u l-istatus soċjoekonomiku** bħala kawża ewlenija ta' stennija tal-għomor baxxa u morbidity għolja.

## Oqasma ta' tħassib u sfidi futuri

Is-sehem dejjem akbar ta' tipi ta' xogħol “mhux standard” żied ukoll id-diffikultajiet fil-konformità mar-regolamenti dwar l-OSH f'ċerti setturi u okkupazzjonijiet. Bit-tibdil fir-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema u bil-bidliet fir-responsabbiltajiet taż-żewġ partijiet, il-miżuri futuri jistgħu jiffukaw fuq diversi aspetti, inkluż **definizzjoni ġdida ta' “xogħol” jew “impjeg” u interventi innovattivi biex jiggarrantixxu l-OSH**, biex jikkomplementaw il-fokus attwali fuq **it-titjib tal-informazzjoni u t-tisħiħ tal-awtoresponsabbiltà**.

Huwa imperattiv li jitkoplew l-isforzi lejn viżjoni aktar ċara fir-riċerka u l-istatistika ta' **impjeg mhux iddikjarat jew illegali**. Filwaqt li s-sitwazzjoni ġenerali tal-OSH fil-biċċa l-kbira mhijjex magħrufa, il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dan il-każ ġeneralment jitqiesu bħala aġġar meta mqabbla ma' dawk tal-impjegati b'kuntratti regolari. Approċċi alternattivi għall-metodu ta' riċerka, inizjattivi ta' azzjoni u kooperazzjoni mġedda mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu jikkontribwixxu għall-inklużjoni b'suċċess ta' xogħol mhux iddikjarat fi studji ta' każijiet u dawk investigattivi.

Is-sehem dejjem jikber ta' **kompiti tax-xogħol li jirriżultaw fi jew anke jeħtieġu inattività fiżika** jidher b'mod ċar fid-*data* dwar is-saħħa rilevanti. Xogħol inattiv jista' jinvolvi **ħin bilqiegħda b'mod permanenti** u/jew

<sup>12</sup> Jiġifieri, is-setturi “Edukazzjoni, saħħa tal-bniedem u attivitajiet ta' xogħol soċjali” u “Kummerċ, trasport, ikel/akkomodazzjoni u attivitajiet ta' rikreazzjoni”.

<sup>13</sup> Skont ir-rapporti ta' ESENER tal-EU-OSHA tal-2014 u l-2019, il-fatturi ta' riskju assoċjati ma' pressjoni minħabba r-restrizzjonijiet tal-ħin żdiedu minn 43 % għal 45 %, rispettivament, biċ-ċifra tal-kontroparti li tittratta klijenti/pazjenti/studenti diffiċli, eċċ. tiżdied minn 56 % għal 60 %. [EU-OSHA - Viżwalizzazzjoni tad-Data ESENER](#), Tqabbil bejn l-2014 u l-2019.

<sup>14</sup> “Mhuwiex dejjem faċli li wieħed jikkategorizza marda bħala waħda relatata max-xogħol. Fil-fatt, hemm firxa wiesgħa ta' mard li jista' jkun relatat b'xi mod jew ieħor mal-okkupazzjoni jew mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Minn naħa, hemm il-mard klassiku li huwa ta' natura okkupazzjonali, ġeneralment relatat ma' aġent kawżali wieħed u li huwa relattivament faċli biex jiġi identifikat. Min-naħa l-oħra, jeżistu kull tip ta' disturbi mingħajr konnessjonijiet kbar jew speċifiċi mal-okkupazzjoni u b'bosta aġenti kawżali possibbli.” Enċiklopedija ILO (para. 4): [Work-related Diseases and Occupational Diseases: The ILO International List](#)

rekwiżiti miżjuda għal **fokus viżwali u mentali** (eż. sewwieqa li jimmonitorjaw il-kundizzjonijiet tat-traffiku mill-qrib għal perjodi twal). L-impatt ta' din l-inattività jista' jidher fiż-**żieda sinifikanti f'xi mard mifrux jew f'fatturi ta' mard** bħall-obeżità.

**Varjazzjonijiet konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE** għadhom jistgħu jiġu osservati fir-rigward ta' diversi kundizzjonijiet tax-xogħol. Skont id-*data* dwar l-awtovalutazzjoni tar-riskji tal-ħaddiema, l-Istati Membri tal-Lvant għandhom prestazzjoni agħar fejn jidhru riskji fiżiċi fuq il-post tax-xogħol, il-benesseri tagħhom u l-aspettattivi tal-ħajja tax-xogħol tagħhom f'termini tal-kapaċitajiet tas-saħħa proġettati tagħhom. L-Istati Membri tan-Nofsinhar isegwu, bl-Istati Membri ċentrali, tal-Punent u tat-Tramuntana bi prestazzjoni agħar. F'termini ta' **riskji psikosoċjali**, is-sitwazzjoni hija bil-kontra bl-Istati Membri ċentrali, tal-Punent u tat-Tramuntana jirrapportaw l-ogħla piż fuq il-post tax-xogħol.

*Soluzzjonijiet futuri biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati minn tipi ġodda ta' xogħol jistgħu jiffokaw fuq l-inklużjoni ta' definizzjoni ġdida ta' "xogħol" jew "impjeg" u interventi statali estiżi biex jiggarrantixxu l-OSH.*

Bħala riżultat ta' **tħassib etiku dwar id-diviżjoni inġusta tar-riskji tal-OSH fil-ktajjen tal-provvista globali**, l-ILO ddkjarat li l-OSH hija waħda mill-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol.<sup>15</sup> Filwaqt li azzjonijiet u inizjattivi importanti (ftehimiet, konvenzjonijiet, programmi tal-gvern u tan-negozju) kellhom effett fuq is-sitwazzjoni ġenerali, l-impatt tagħhom xorta jibqa' limitat fuq l-iskala internazzjonali. Id-*data* tindika li **l-intrapriżi tal-UE jesternalizzaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw industriji u servizzi b'riskji tal-OSH għoljin**, bħall-estrazzjoni, il-proċessi metallurġiċi, u t-trattament ta' skart perikoluż, sustanzi kimiċi u tessuti. Huma meħtieġa sforzi aktar komprensivi u kkoordinati biex jiżguraw spazji tax-xogħol u kundizzjonijiet deċenti, siguri u tajbin għas-saħħa fuq livell globali.

Sib informazzjoni u *data* aktar aġġornati dwar is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fl-Ewropa fl-għodda ta' **viżwalizzazzjoni tad-*data* tal-Barometru tal-OSH**: <https://visualisation.osha.europa.eu/osh-barometer/>

L-għodda tipprovdi informazzjoni dwar firxa kbira ta' indikaturi tal-OSH, bħal aċċidenti relatati max-xogħol, mard u benessere kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol u prevenzjoni. Din tippreżenta wkoll l-awtoritajiet u l-istrategġiji nazzjonali tal-OSH, l-informazzjoni ekonomika u settorjali, u l-kapaċità ta' infurzar.

Tista' tara u tqabbel id-*data* tal-pajjiżi, tiġġenera grafika u tniżżel rapport tad-*data* kollha għal kull pajjiż. Il-Barometru tal-OSH huwa aġġornat regolarment b'indikaturi, *data*, pubblikazzjonijiet u karatteristiċi ġodda.

Awtur ewlieni: Lothar Lieck - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA).

Ko-awturi u kontributori: Ioannis Anyfantis, Xabier Irastorza, Lorenzo Munar, Birgit Müller, Malgorzata Milczarek, William Cockburn, Andrew Smith - Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA).

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

La l-aġenzija Ewropea u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'isem l-Aġenzija mhija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2024

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EU-OSHA, għandu jinkiseb permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

<sup>15</sup> ILO: Il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol: [International Labour Conference adds safety and health to Fundamental Principles and Rights at Work](#) u [Conventions and Recommendations](#)